**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 420/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Horvath Istvan Norbert**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba preżentat fl-4 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija, tmienja u disgħin Ewro, ħamsa u disgħin ċenteżmu (€598.95ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40545460, liema servizzi kienu ġew kuntrattati mas-soċjeta' Mobisle Communications Limited, li ġiet amalgamata fis-soċjeta' GO plc b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, u dan minħabba li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 598/16, u l-ispejjeż u d-drittijiet ta' din il-kawża, bl-imgħax legali mid-19 ta' April 2016.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok.'A', fol.2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B1', fol.3); (iii) ċertifikat

tal-amalgamazzjoni tas-soċjeta' attriċi mas-soċjeta' Mobisle Communicataions Limited (Dok.'B2', fol.4); (iv) estratt mir-Reġistru Elettorali bl-indirizz tal-konvenut (Dok.'C', fol.5); u (iv) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuzzjoni numru 598/2016 datata 19 ta' April 2016 (Dok.'D', fol.6).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħames mija, tmienja u disgħin Ewro, ħamsa u disgħin ċenteżmu (€598.95ċ), bl-imgħax legali mid-19 ta' April 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 598/16, u ta' din il-kawża, jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**